MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 995/2006

**Talba Nru: 995/06VGD**

Lawrence Azzopardi (Id. 305867M)

Vs

Joseph Depares (Id. 242529M)

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob il-hlas tas-somma ta' sitt mija u hamsa u sebghin lira Maltin (LM675), rapprezentanti kwantu ghal sitt mitt lira Maltin (Lm600) bilanc ta' somma akbar dovuta lill-attur bhala prezz ta' xoghol ta' tqeghid ta' madum ta' l-art, u kwantu ghal hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75), bhala prezz ta' tqeghid ta' gebel mad-dawra tal-hamrija, liema xoghlijiet saru fil-btiehi esterni tad-dar tal-konvenut f'Ta' Xbiex, u li gew mitmuma sa l-ahhar ta' Awissu 2006, u li sa llum

mhux imhallsa. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kummercjali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu ghar-ragunijiet segwenti: (i) illi parti sostanzjali mix-xoghol ezegwit mill-attur ma kienx skond is-sengha u l-arti u ghalkemm il-perit tal-konvenut kien idderiga lill-attur dwar x'kellhom ikunu x-xoghlijiet rimedjali, l-attur ma ghamilhomx u l-konvenut kellu jqabbad lil terzi; (ii) illi l-attur gie mgharraf kemm li terzi kienu ser jaghmlu x-xoghlijiet u kif ukoll il-prezz ghall-istess; (iii) illi l-prezz globali tax-xoghlijiet miftiehma bejn il-partijiet kien ta' Lm1,175, minn liema Lm500 kienu gja thallsu akkont. Illi sabiex isiru x-xoghlijiet rimedjali u jigi kkompletat ix-xoghol, il-konvenut hallas lil terzi s-somma ta' Lm570.00; (iv) illi l-konvenut bghat cekk lill-attur ghas-somma bilancjali rimanenti ta' Lm111.00, liema cekk sa llum ma giex ritornat; (v) illi ghar-ragunijiet premessi kellha ssir tpacija tas-somma ta' Lm564 mhallsa mill-konvenut lil terzi sabiex saru x-xoghlijiet rimedjali kif certifikat mill-perit relattiv; (vi) illi l-konvenut qed jipprevalixxi ruhu minn din l-azzjoni sabiex jaghmel il-kontro talba tieghu; (vii) salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-kontro talba tal-konvenut li biha peress illi x-xoghlijiet li ezegwixxa l-attur fil-proprjeta' tal-konvenut ma kienux skond is-sengha w l-arti u ghalhekk il-konvenut kellu jqabbad terzi sabiex jaghmlu x-xoghlijiet rimedjali, liema xogholijiet kif stmati mill-perit tal-konvenut ammontaw ghal Lm564.00, ghalhekk talab il-konvenut illi l-attur ghandu jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' hames mija u erba u sittin lira Maltin (Lm564.00). Bl-ispejjes u imghaxijiet kummercjali mid-data tal-hlas sal effettiv pagament kontra l-attur ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-attur ghall-kontro talba tal-konvenut fejn ecepixxa illi l-kontro talba tal-konvenut rikonvenjenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra tieghu u dan minhabba li l-attur jichad illi x-xogholijiet imwettqa fil-proprjeta' tal-konvenut ma kienux skond is-sengha u l-arti.

Sema’ x-xhieda ta’ l-attur Lawrence Azzopardi.

Ra l-affidavit tal-konvenut Joseph Depares.

Ra l-affidavit ta’ Violet Depares prodotta mill-konvenut.

Sema x-xhieda tal-perit Philip Azzopardi prodott mill-konvenut.

Sema x-xhieda ta’ Philip Leone Ganado prodott mill-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor huma s-segwenti:- Skond l-attur huwa gie mqabbad mill-konvenut sabiex jaghmel xi xoghol ta’ tqeghid ta’ madum fil-bitha tad-dar tieghu. L-attur gie mqabbad specifikament biex inehhi l-madum li kien hemm diga’, u biex inehhi l-hamrija li kienet tinsab mal-periferija tal-bitha, u anki biex jerga’ jqieghed il-madum il-gdid. Il-partijiet kienu ftehmu li dan ix-xoghol kollu kellu jsir bil-prezz ta’ Lm10 il-mertu kwadru, u b’kollox kellu jammonta ghall-prezz fiss ta’ Lm1,100. L-attur kien thallas l-ammont ta’ Lm500 akkont tal-prezz dovut minghand il-konvenut, izda l-konvenut kien zamm lura milli jhallas il-bilanc dovut peress illi skond hu x-xoghol li sar mill-attur ma sarx skond is-sengha w l-arti.

Skond l-attur, meta tlesta x-xoghol ta’ tqeghid ta’ madum, irrizulta li l-bitha kienet qed izzomm ftit ilma. Meta l-Perit Philip Azzopardi mar fuq il-post fuq talba tal-konvenut, huwa kien insista ma l-attur li dan ta’ l-ahhar kellu jnehhi parti sostanzjali tal-madum u jerga jqeghdu mill-gdid. L-attur ma kienx accetta dan, ghaliex skond hu l-perit kien qed igieghlu jnhehhi madum li tqieghed kif suppost, u

ghalhekk qabad u nehha biss parti zghira mill-madum sabiex jerga jqieghdu mill-gdid, u b'hekk skond hu, l-problema tal-qlib ta' l-ilma giet solvuta. L-attur ried icaqlaq il-katusa ftit sabiex l-ilma jibqa niezel, izda meta gie biex jaghmel hekk, il-konvenut irrifjuta li jhallih jaghmel hekk, u fil-fatt il-katusa baqghet ma ccaqalqitx. Wara li x-xoghol tlesta, l-attur talab il-bilanc li kien dovut lilu, izda l-konvenut kien irrifjuta li jhallsu ghaliex skond hu, kellu jerga' jaqla x-xoghol maghmul mill-attur peress li ma kienx sar tajjeb. L-attur sussegwentement seta' jara illi parti sostanzjali mix-xoghol ta' madum li huwa kien ghamel, gie maqluh.

L-attur jikkontendi illi apparti l-bilanc dovut lilu ta' Lm600, ghandu jiehu wkoll Lm75, liema prezz gie kkalkulat mill-perit tal-konvenut stess ghal xi xoghol iehor li sar fil-post tal-konvenut, u ghalhekk b'kollox huwa qed jitlob l-ammont ta' Lm675. L-attur ikkonferma illi l-konvenut kien bghatlu cekk a saldu fl-ammont ta' Lm111.00 izda alavolja huwa ma kienx sarraf dan ic-cekk, lanqas kien bghatu lura ghand il-konvenut.

Minn-naha l-ohra l-konvenut jissottometti illi waqt li l-attur kien qieghed jahdem, dahlulu d-dubbji dwar il-kwalita' tax-xoghol. Skond hu, l-attur ma nehhix il-hwat bil-hamrija qabel ma beda x-xoghol, izda minnflok qieghed il-madum il-gdid ezatt maghhom u nehhihom wara. Ghall-konvenut dan kien ifisser illi l-attur ma setax jara ezattament x'kienu l-livelli biex jikkalkula l-qlib ta' l-ilma. Skond il-konvenut, l-attur kien jidher konfuz x'hin kien qieghed joqrob lejn l-ahhar tax-xoghol tieghu, u meta lesta x-xoghol irrizulta illi l-bitha kienet qed izzomm l-ilma, tant hu hekk illi kien hemm ghadira ilma proprju fin-nofs tal-bitha. Peress illi din is-sitwazzjoni ma kenitx accettabbli ghall-konvenut u martu, l-attur ippropona li jaghmel 'drain' f'nofs il-bitha, izda dawn ta' l-ahhar ma kienux accettaw din is-soluzzjoni ghal diversi ragunijiet.

Ghalhekk il-konvenut kien gab il-perit Philip Azzopardi fuq il-post sabiex jezamina x-xoghol. Il-perit Azzopardi kien ikkonkluda li x-xoghol ma kienx sar skond is-sengha u l-arti u kien issiggerixxa lill-attur sabiex inehhi parti

sostanzjali mill-madum li kien tqieghed u jgholli l-livelli sabiex l-ilma jaqleb kif suppost. L-attur ma kienx accetta din is-soluzzjoni u nehha biss xi zewg fillieri madum. Il-problema tal-qlib ta' l-ilma pero ma gietx rizolta ghaliex minnflok ghadira fin-nofs tal-bitha, kien hemm ghadira hdejn il-katusa. Dan ukoll ma kienx accettabbli ghall-konvenut li informa l-attur li ma kienx ser ihallsu l-bilanc dovut lilu sakemm ix-xoghol isir sew.

Peress illi l-attur kien baqa jinsisti illi x-xoghol kien sar sew, u li ma kienx bi hsiebu jaghmel xi xogholijiet rimedjali, l-konvenut, fuq il-parir tal-perit tieghu, kien qabbad lill-terzi sabiex jaghmlu x-xoghol rimedjali li kien irrakomanda l-perit – u li l-attur kien qed jirrifjuta jaghmel.

Il-konvenut avza l-attur kemm bil-miktub kif ukoll bil-fomm illi kien ser iqabbad lill-terzi sabiex jaghmlu dan ix-xoghol rimedjali, u skond hu l-attur accetta li dan ix-xoghol isir minn terzi, alavolja baqa jinsisti li din ma kenitx is-soluzzjoni. L-attur xtaq biss li jara l-post wara li jinqala l-madum u qabel ma jerga jitpogga. Il-partijiet ghalhekk ftehmu illi l-attur kellu jithallas kwalsiasi bilanc li kien jibqa favur tieghu, wara li jsir u anki tithallas il-persuna inkarigata taghmel ix-xoghol rimedjali. Gara pero, li meta l-attur gie mgharraf illi l-madum kien tnehha, huwa kien irrabjat ghaliex skond hu l-konvenut ma kellux dritt jaghmel hekk.

Jirrizulta illi x-xoghol rimedjali tlesta kollu minn certu Vincent Magro, u li dan ix-xoghol sar sew, tant illi l-problema tal-qlib ta' l-ilma ma baqghetx tippersisti, u l-perit Azzopardi iccertifika illi x-xoghol sar tajjeb. Ghalhekk il-konvenut hallas lill-Magro l-ammont ta' Lm564 u bghat cekk ghall-bilanc favur l-attur fl-ammont ta' Lm111 (wara li tnaqqas dak li thallas Magro mill-ammont ta' Lm675). Dan ic-cekk alavolja ma ssarrafx lanqas gie ritornat lura lill-konvenut.

Illi ll-versjoni tal-konvenut giet ikkonfermata kemm minn martu Violet Depares kif ukoll minn Philip Leone Ganado, li kien jiehu hsieb l-affarijiet tal-konvenut peress illi kien mizzewweg lit-tifla tieghu. Is-sur Leone Ganado

ikkonferma li kien prezenti meta nqalghu l-problemi, u kkonferma li l-madum beda jzomm l-ilma. Huwa kien prezenti anki meta kienu qedin isiru x-xoghlijiet mill-attur u kien deherlu li x-xoghol ma kienx qed isir kif suppost. Hu stess xehed illi l-attur kien deher imhasseb hafna dwar il-livelli waqt li kien qed jaghmel ix-xoghol. Dan l-istess xhud kien prezenti kemm meta gie l-perit Azzopardi fuq il-post u ssuggerixxa liema xoghol rimedjali kien jehtieg li jsir mill-attur, kif ukoll meta saret il-laqgha bejn l-attur u l-konvenut. Hu kkonferma illi l-attur kien gie avzat illi kien ser isir xoghol rimedjali minn terza persuna, u anki li kien ser jithallas il-bilanc li jkun fadal wara li tithallas il-persuna li kienet ser tiehu hsieb ix-xoghol rimedjali. Skond hu, l-attur kien accetta dan l-arrangament.

Il-perit Philip Azzopardi apparti li kkonferma r-rapport tieghu, xehed illi meta gie mqabbad mill-konvenut sabiex jara x-xoghol li ghamillu l-attur, huwa seta jikkostata illi x-xoghol ma kienx sar skond is-sengha w l-arti. Huwa spjega illi l-qlib kien sar hazin, u kien hemm anki problemi ohra fir-rigward tat-tqeghid tal-madum. Il-Perit kien kellem lill-attur u qallu x’kien hemm bzonn isir sabiex tigi solvuta l-problema Dan kien jikkonsisti fit-tnehhija ta’ parti sostanzjali tal-madum sabiex jerga jitqieghed wara li jigu korretti l-livelli. Peress illi l-attur ma kienx segwa l-parir tal-perit, il-problema baqghet tippersisti. Il-perit ikkonferma wkoll illi meta Vincent Magro gie mqabbad sabiex jaghmel ix-xoghol rimedjali, dejjem skond il-parir tal-perit stess, dan kien sar kif suppost, u cioe skond is-sengha w l-arti, u l-problema ma baqghetx tezisti. Il-perit ikkonferma illi dak li thallas lill-Vincent Magro ghax-xoghlijiet rimedjali kien ammont gust li gie kkalkolat minnu stess.

Ghalhekk skond it-Tribunal, mill-provi migbura u mid-dokumenti esebiti, jirrizultaw bl-izjed mod car is-segwenti fatti:-

(i) illi wara li tlesta x-xoghol mill-attur, hu stess kien konxju tal-fatt illi kienet tezisti problema bil-qlib ta’ l-ilma fil-bitha. Dan il-fatt ma gie bl-ebda mod kontradett minnu, u anzi fix-xhieda tieghu huwa spjega illi l-bitha kienet qed

izzomm l-ilma, kif irrizulta wara li hu stess kien tefa barmil ilma.

(ii) illi l-konvenut u martu ma accettawx ir-rimedji li taghhom l-attur sabiex tigi solvuta din il-problema, u ghalhekk talbu l perit taghhom sabiex jigi fuq il-post u jaghti soluzzjoni teknika tajba ghall-problema.

(iii) illi l-perit ikkonferma illi x-xoghol tal-attur kien xoghol hazin u li ma sarx skond is-sengha w l-arti, u ghalhekk is-soluzzjoni kienet wahda biss, u cioe li titnehha parti sostanzjali tal-madum, u wara li jigu rrangati l-livelli, dan il-madum jerga jitqieghed.

(iv) illi l-attur stess jammetti illi huwa ma accettax din is-soluzzjoni ghaliex skond hu il-perit kien qieghed igieghlu jnehhi xoghol li kien sar tajjeb, u fil-fatt huwa baqa biex ma segwiex il-parir tal-perit.

(v) illi peress li l-parir tal-perit ma giex segwit, il-problema baqghet tippersisti, u l-konvenut kellu jqabbad lill-terzi sabiex jaghmlu x-xoghol rimedjali, gjaladarba l-attur kien qieghed jirrifjuta li jaghmlu hu.

(vi) il-konvenut avza lill-attur li kien ser iqabbad lill-terzi sabiex jaghmlu x-xoghol rimedjali, u t-tnejn li huma ftehmu li l-attur kellu jithallas kwalsiasi bilanc li jibqa dovut lilu wara li l-ewwel jitnaqqas dak li kellu jithallas ghax-xoghol rimedjali.

(vii) ix-xoghol rimedjali sar minn Vincent Magro skond il-parir tal-perit Azzopardi, u l-problema giet rizolta, biex b'hekk il-perit iccertifika illi x-xoghol ta' Magro kien sar skond is-sengha w l-arti.

(viii) il-konvenut hallas lill-Vincent Magro dak li kien dovut lilu ghax-xoghol li huwa ghamel, wara li perit iccertifika l-ammont dovut lilu.

(ix) il-konvenut bghat cekk ghall-bilanc li kien ghad fadal favur l-attur. Dan ic-cekk ma ntbaghtx lura lill-konvenut izda lanqas ma ssarraf.

Illi ghalhekk l-ewwel hames eccezzjonijiet kontenuti fir-risposta tal-konvenut gew ampjament ippruvati u ghandhom jigu milqugha. Dan iwassal ukoll sabiex it-talbiet tal-konvenut kif kontenuti fil-kontro talba tieghu jigu milqugha, filwaqt illi l-eccezzjoni tal-attur ghall-kontro talba tal-konvenut ghandha tigi michuda. B'hekk it-talba tal-attur ghandha tigi milqugha limitatament ghall-hlas tal-ammont ta' Lm111.00.

Illi in vista tal-fatt li l-konvenut effettivament mill-ewwel kien hallas l-attur l-ammont ta' Lm111.00 wara li ghamel il-kalkoli korretti tieghu, u peress illi l-attur ghazel li la jirritorna c-cekk u lanqas isarfu, t-Tribunal ma jidhirlux li l-konvenut ghandu jbaghti parti mill-ispejjes ta' din il-procedura.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal, filwaqt illi jilqa l-ewwel hames eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa wkoll it-talbiet tal-konvenut kif kontenuti fil-kontro talba tieghu, u jichad l-eccezzjoni tal-attur ghall-kontro talba tal-konvenut, u konsegwentement, jilqa t-talba attrici limitatament billi jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' mitejn, u tmienja u hamsin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€258.56), ekwivalenti ghal Lm111.00. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------